

**Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)**

14368/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0328(COD)**

**CYBER 283
TELECOM 411
CODEC 2031
COPEN 398
COPS 438
COSI 287
CSC 325
CSCI 150
IND 352
JAI 1148
RECH 495
ESPACE 65**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14141/18
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni - Rapport ta' progress

Il-Presidenza ħejjiet rapport ta' progress fil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni bil-għan li tivvaluta l-progress li sar fuq dan il-fajl.

Ir-rapport ta' progress ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju fl-14 ta' Novembru 2018. Abbażi tal-kummenti tad-delegazzjonijiet, tħejjiet verżjoni riveduta tar-rapport kif tinsab fl-Anness.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jaqbel li jippreżenta rapport ta' progress lill-Kunsill TTE (Telekomunikazzjoni) fl-4 ta' Diċembru 2018.

Il-Kunsill huwa mistieden jiehū nota tar-rapport ta' progress fil-proposta biex jiġi stabbilit Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni.

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JISTABILIXXI Ċ-ĊENTRU EWROPEW TA' KOMPETENZA INDUSTRIJALI,
TEKNOLOĠIKA U TAR-RIĊERKA FIL-QASAM TA' ĊIBERSIGURTÀ U N-NETWERK
TA' ĊENTRI NAZZJONALI TA' KOORDINAZZJONI**

RAPPORT TA' PROGRESS

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' ċibersigurtà.¹ Il-pakkett kompli jibni fuq strumenti eżistenti u ppreżenta inizjattivi ġodda biex tkompli tittejjeb iċ-ċibersigurtà tal-UE.
2. Filwaqt li tibni fuq l-inizjattivi ambizzjużi ta' ċibersigurtà mħabbra fl-2017, il-Kummissjoni immedjatament ħadet passi preparatorji lejn il-ħolqien ta' netwerk ta' ċentri ta' koordinazzjoni ta' ċibersigurtà u Ċentru ġdid Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam ta' Ċibersigurtà, biex tinvesti f'ħiliet u kapaċitajiet ta' ċibersigurtà aktar b'saħħithom u li jkunu pijuniera fl-UE.²
3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet ukoll eżerċizzju ta' mmappjar ta' ċentri ta' għarfien espert, biex jinġabar l-input minn 665 ċentru ta' għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà dwar l-għarfien, l-attivitajiet, l-oqsma ta' ħidma u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom. Stħarriġ ta' mmappjar tnieda f'Jannar 2018 u l-inputs mibgħuta sat-8 ta' Marzu 2018 ġew ikkunsidrati għall-analiżi tar-rapport ta' mmappjar.
4. Apparti dan, sabiex tinforma l-ħsieb futur, il-Kummissjoni nediet fażi pilota bħala parti minn Orizzont 2020 (sejħa nru SU-ICT-03-2018) sabiex tgħin liċ-ċentri nazzjonali jingħaqqu f'netwerk u b'hekk jinholq momentum ġdid fil-kompetenza fiċ-ċibersigurtà u l-iżvilupp tat-teknoloġija.

¹ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/cyber-security>

² 2018/0328 (COD)

5. L-għan ewlieni tal-proposta legiſlattiva dwar iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni huwa li tiġi stabbilita struttura effettiva u effiċjenti biex jinġabru u jiġu kondiviżi l-kapaċitajiet u l-eżiti tar-riċerka u r-riżultati fil-qasam taċ-ċibersigurtà u li jiġu utilizzati soluzzjonijiet innovattivi taċ-ċibersigurtà, billi l-kapaċitajiet u l-kompetenzi attwali tal-UE f'dan il-qasam huma konsiderevoli iżda fl-istess ħin frammentati ħafna. Il-proposta legiſlattiva hija stabbilita fuq bażi ġuridika doppja minħabba n-natura u l-għanijiet speċifiċi tagħha.³

6. Il-proposta tintroduċi tliet saffi ta' governanza:

- a) livell tal-UE - Ċentru ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà Ewropea;
- b) livell nazzjonali - netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni;
- c) livell tal-partijiet ikkonċernati - Komunità ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà.

L-istruttura ta' governanza ppjanata taċ-Ċentru ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà Ewropea jinkludi Bord Governattiv, Direttur Eżekuttiv u Bord ta' Konsulenza Xjentifika u Industrijali.

7. Il-finanzjament għandu jiġi pprovdut prinċipalment mill-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa, bil-possibbiltà tal-kofinanzjament mill-industrija u kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri. F'dan il-kuntest, iċ-Ċentru ta' Kompetenza taċ-Ċibersigurtà, f'kooperazzjoni man-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, ser jaġixxi bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għal żewġ flussi differenti ta' finanzjament taċ-ċibersigurtà tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa).

³ Artikolu 173(3) u Artikolu 187 TFUE

II. SITWAZZJONI ATTWALI

8. Il-proposta leġislattiva ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2018. Il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali (HWP) dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju beda jiddiskuti l-proposta fis-17 ta' Settembru 2018, bi preżentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju fit-28 ta' Settembru 2018.
9. It-test tal-abbozz ta' Regolament kien eżaminat fil-laqgħat tal-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju fit-28 ta' Settembru, it-8 ta' Ottubru u t-30 ta' Ottubru 2018.
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018 stqarrew li "in-negozjati rigward il-proposti kollha marbutin maċ-ċibersigurtà għandhom jiġu konklużi qabel tmiem il-leġislatura".⁴
11. Fil-laqgħa tal-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju fit-30 ta' Ottubru 2018, il-Presidenza offriet l-ENISA, l-EDA u l-ECSO l-opportunità li jippreżentaw il-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar l-abbozz ta' Regolament biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati minn din il-proposta huma involuti fil-proċess ta' diskussjoni.
12. Wara d-diskussjonijiet fil-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju, l-Istati Membri ġew mistiedna jipprovdu kummenti bil-miktub sat-8 ta' Novembru 2018. Total ta' 15-il Stat Membru ħadu l-opportunità li jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-miktub.
13. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet jappoġġaw l-għanijiet ġenerali tal-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jinżammu u jiġu żviluppati l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fiċ-ċibersigurtà neċessarji sabiex ikun żgurat is-Suq Uniku Diġitali u tiżdied il-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-UE, speċjalment bl-approfondiment tal-koordinazzjoni tal-programmi ta' riċerka taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni.

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 18 ta' Ottubru 2018

14. Madankollu, tqajjem tħassib u għadd ta' mistoqsijiet, speċjalment dwar l-istruttura tal-governanza, il-fatt li l-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa qed jiġu diskussi attwalment f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill (Telekomunikazzjoni u Kompetittività) u li l-eżitu taż-żewġ negozjati għadu mhux magħruf. Barra minn hekk, l-Istati Membri talbu aktar ċarezza dwar il-linja ta' demarkazzjoni u s-sinerġiji ma' strutturi eżistenti. Saru wkoll talbiet għal aktar kjarifiki dwar id-dettalji tal-istrutturi ta' implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' finanzjament.
15. Ġie stabbilit skambju ta' informazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni. Il-presidenti tal-gruppi ta' ħidma rispettivi ppreżentaw is-sitwazzjoni attwali fil-laqgħa tal-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju fl-14 ta' Novembru 2018.
16. Il-Parlament Ewropew ħatar lil Julia Reda (Ħodor/AHE) bħala r-rapporteur tal-Kumitat ewlieni ITRE. Abbozz ta' rapport tal-Kumitat ITRE ser jiġi ppreżentat fis-7 ta' Jannar 2019. L-iskadenza biex jintbagħtu l-emendi hija d-9 ta' Jannar f'12:00. Il-votazzjoni fil-Kumitat ITRE hija ppjanata għad-19 ta' Frar 2019.
17. Il-Presidenza Awstrijaka u l-Presidenza Rumena li jmiss ser jabbozzaw dokument informali abbażi tal-input li jasal mingħand l-Istati Membri u tad-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-HWP dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju msemmija hawn fuq. Dan mistenni li jiġi ppubblikat f'Diċembru 2018.
18. Waqt li tibni fuq il-progress li sar mill-Presidenza Awstrijaka, il-Presidenza Rumena li jmiss tippjana li tkompli l-ħidma dwar dan il-fajl importanti bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.